Komunikazzjoni skont l-Artikolu 34 (7)(a)(iii) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, dwar id-deċiżjonijiet fir-rigward ta' informazzjoni vinkolanti meħuda mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' merkanzija fin-nomenklatura doganali

(2016/C 484/04)

L-awtoritajiet tad-dwana għandhom jirrevokaw id-deċiżjonijiet li jkollhom rabta ma' informazzjoni vinkolanti mill-1 ta' Jannar 2017 'il quddiem jekk dawn ma jibqgħux kompatibbli mal-interpretazzjoni tan-nomenklatura tad-dwana minħabba l-miżuri tariffarji internazzjonali li jidħru hawn taħt:

Opinjonijiet dwar il-klassifikazzjoni, jew emendi tan-Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura tas-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni ta' Merkanzija, adottati mill-Kunsill għall-Kooperazzjoni Doganali (Nru tad-dokument tal-KKD NC2237 — ir-rapport tas-57 laqgħa tal-Kumitat dwar is-Sistema Armonizzata):

EMENDA TAN-NOTI TA' SPJEGAZZJONI U OPINJONIJIET DWAR IL-KLASSIFIKAZZJONI B'KONSEGWENZA TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-ARTIKOLU 16 TAS-27 TA' ĠUNJU 2014 U TAL-11 TA' ĠUNJU 2015

Is-57 LAQGĦA TAL-KUMITAT DWAR IS-SISTEMA ARMONIZZATA LI SARET F'MARZU 2016)

DOC. NC2237

L-emendi tan-Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura u l-Kompendju ta' Opinjonijiet dwar il-Klassifikazzjoni annessi mal-Konvenzjoni dwar is-SA skont ir-Rakkomandazzjonijiet tas-27 ta' Ġunju 2014 u tal-11 ta' Ġunju 2015 u elaborati mill-Kumitat dwar is-Sistema Armonizzata fis-57 laqgħa tiegħu. DOC. NC2237

Noti ta' Spjegazzjoni	U/1
Opinjonijiet dwar il-Klassifikazzjoni	T/1

EMENDA TAN-NOTI TA' SPJEGAZZJONI U OPINJONIJIET DWAR IL-KLASSIFIKAZZJONI B'KONSEGWENZA TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-ARTIKOLU 16 TAS-27 TA' ĠUNJU 2014

It-58 LAQGĦA TAL-KUMITAT DWAR IS-SISTEMA ARMONIZZATA LI SARET F'SETTEMBRU 2016)

DOC. NC2304

L-emendi tan-Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura u l-Kompendju ta' Opinjonijiet dwar il-Klassifikazzjoni annessi mal-Konvenzjoni dwar is-SA skont ir-Rakkomandazzjonijiet tas-27 ta' Ġunju 2014 u li ġew elaborati mill-Kumitat dwar is-Sistema Armonizzata fit-58 laqgħa tiegħu. DOC. NC2304

Noti ta' Spjegazzjoni	N/3
Noti ta' Spjegazzjoni	N/5
Opinjonijiet dwar il-Klassifikazzjoni	N/1

L-informazzjoni dwar dak li hemm f'dawn il-miżuri tinkiseb mingħand id-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali tal-Kummissjoni Ewropea (rue de la Loi/Wetstraat 200, 1049 Brussels, Belgium) jew tista' titniżżel mis-sit web ta' dan id-Direttorat Ġenerali:

http://ec.europa.eu/comm/taxation_customs/customs/customs_duties/tariff_aspects/harmonised_system/index_en.htm